# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# FL-ATTI TAS-SUBBASTA NUMRU 40/22

BNF BANK PLC GJA' BANIF BANK MALTA PLC

Versus

MICHAEL AGIUS ET
(detentur tal-karta tal-identita' numru 491950M)

REGISTRY SUPERIOR COURT
No:
28 DEC 2022
3438
PAID

# **RELAZZJONI TAL-PERIT ROBERT C. VELLA ESPERT TEKNIKU**

# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**FL-ATTI TAS-SUBBASTA NUMRU 40/22**

BNF BANK PLC GJA' BANIF BANK MALTA PLC

Versus

MICHAEL AGIUS ET

# RELAZZJONI TAL-PERIT ROBERT C. VELLA ESPERT TEKNIKU

Jesponi bir-rispett:

Illi b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, fl-atti tal-mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobli fl-atti tas-Subbasta numru 40/22, l-esponent ġie innominat bħala Espert Tekniku għall-fini ta' deskrizzjoni u valutazzjoni tal-propjeta seggwenti;

- ***Fond (appartament Nru.4) formanti minn blokk bini bla numru, u bl-isem 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, ġewwa Marsaskala.***

Kopja tal-ħatra tal-esponent Perit Tekniku hija mhemuża u mmarkata bħala Dok A.

Għaldaqstant l-esponent bagħat żewġ notifiki ta' aċċess lill-intimat għal nhar is-Sibt 27 ta' Awissu 2022, waħda fuq l-indirizz tal-fond inkwestjoni u oħra reġistrata fuq l-indirizz, 275, Chamoniard, Triq M'Scala, Ħaż-Żabbar, sabiex isir aċċess fuq il-post. Kopja tan-notifiki huma mhemuża u mmarkata bħala Dok B u C rispettivament. L-esponent Perit Tekniku ma ġiex ikkuntattjat mill-intimat biex jikkonferma d-data ta' l-aċċess iżda xorta waħda żamm aċċess fis-27 ta' Awwissu 2022 iżda l-post inkwestjoni ma' kienx okkupat fid-data u l-ħin ta' lis-spezzjoni.

Għalhekk, l-esponent Perit Tekniku sottometta ittra lill-qorti biex jitlob bir-rispett lill-Onorabli Qorti jogħgobha testendi t-terminu meta għandu jiġi ppreżentat r-rapport u tagħti dawk l-ordnijiet neċessarji u tidderieġi lill-esponent sabiex isir tali aċċess neċessarju. Kopja tal-komunika hija mhemuża u mmarkata bħala Dok D. Għaldaqstant, it-terminu ġie estiż għall-31 ta' Diċembru, 2022. Kopja tal-komunika hija mhemuża u mmarkata bħala Dok E.

Wara li l-esponent Perit Tekniku ġie kkuntattjat permezz ta' telefonata mill-uffiċċju tal-marixxalli, fi 27 ta' Ottubru 2022, l-esponent mar fuq il-post inkwestjoni mal-Marixxal biex jgħamel aċċess fid-09:00 ta' filgħodu. Mill-informazzjoni miġbura jidher li l-post huwa abitabbli, iżda ma kien hemm ħadd disponibbli dak il-ħin. Il-pulizija ma kienux infurmati u għalhekk l-sgass ma sarx.

Wara dan intbagħtu żewġ notifiki oħra ta' aċċess lill-intimat għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru 2022, waħda reġistrata fuq l-indirizz tal-fond inkwestjoni u oħra fuq l-indirizz, 275, Chamoniard, Triq M'Scala, Ħaż-Żabbar, sabiex isir aċċess fuq il-post. Kopja tan-notifiki huma mhemuża u mmarkata bħala Dok F u G rispettivament. L-esponent Perit Tekniku ġie

kkuntattjat permezz ta' telefonata mis-Sinjur Eman Agius u saru arranġamenti biex jinżamm aċċess fuq l-proprjetà inkwistjoni.

Għaldaqstant, wara li nżamm aċċess fit-12 ta' Novembru, 2022, flimkien mas-Sinjur Eman Agius (454880M) u s-Sinjur Silvio Desira fuq il-fond fil-mertu ta' din is-subbasta, l-esponent Perit Tekniku qed jirrelata dan li ġej, għall-aħjar konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

## 1. DESKRIZZJONI

Il-post inkwistjoni huwa magħruf bħala appartament internament immarkat bin-numru erba (4), formanti minn blokk, bla numru, u bl-isem 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, ġewwa Marsaskala. Dan il-fond jinsab f'żona residenzjali, bl-appartament jinsab fit-tieni sular sottopost il-bejt fit-tielet sular u sovrapost appartament propjeta ta' terzi. L-appartament huwa aċċessibli minn entrata komuni li tisbokka fi Triq Patri Wistin Born, liema entrata tagħti aċċess għal taraġ komuni li jservi żewġ appartamenti f'kull sular kif ukoll aċċess għal-bejt. L-partijiet komuni ma' jinkludux '*lift*'.

Il-blokk, li minnha jagħmel parti l-fond inkwestjoni, huwa konfinanti mil-Punent ma' Triq Patri Wistin Born u mill-irjieħ l-oħra ma' propjeta ta' terzi. L-imsemmi fond jinsab delinejat bl-aħmar fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata Dok. H u fir-ritratt tal-faċċata hawn anness u mmarkat Dok. I.

Il-bieb prinċipali tal-propjetà inkwistjoni, huwa tal-injam u jaċċedi għas-salott. Fuq ix-xellug hemm żewġ bibien, wieħed jagħti għal-kamra tas-sodda prinċipali, liema kamra għandha gallarija li tħares fuq Triq Patri

Wistin Born, u l-bieb l-ieħor jagħti għal-kamra tas-sodda oħra b'tieqa li tħares għal fuq l-istess triq. Fuq il-lemin tas-salott hemm kuritur li jwassal għal kamra tal-banju prinċipali, kamra tas-sodda oħra, u l-kċina/kamra tal-ikel. L-aħħar żewġ kmamar imsemmija għandhom tieqa li tħares fuq bitħa interna rispettivament, liema bitħa hija propjetà ta' terzi. Pjanta tal-propjetà hawn annessa u mmarkata Dok J.

## 2. KEJL

L-appartament jokkupa *area* ta' ċirka 91 metri kwadri. L-għoli tal-kmamar abitabli huwa ta' ċirka 2.90 metri. Dan il-kejl huwa approssimattiv u għal skop ta' valutazzjoni biss. L-esponent qijad jagħmel referenza għal *Policy and Design Guidance* tas-sena 2007 u għalhekk qijad jieħu konsiderazzjoni li l-propjetà inkwistjoni hija inqas minn 96 metri kwadri hekk kif stipulat fil-linja gwida tas-sena 2007 għal appartament bit-tlett kmamar tas-sodda.

## 3. KOSTRUZZJONI U FINITURI

Il-ħitan huma tal-ġebel tal-franka u s-soqfa huma tal-konkos rinfurzat. Il-ħitan tal-proprjeta huma miksija u mbajda, l-art hija miksija bil-madum tat-*Terazzo*, l-aperturi esterni huma tal-*aluminium single glazing,* u l-kmamar tal-banju huma miksija bil-madum taċ-ċeramika sa nofs il-ħajt. Il-post jinstab f'kundizzjoni tajba. Jirreferu ir-ritratti mir-Rekord Fotografiku tat-12 ta' Novembru 2022 mhemuż bħala Dok K. l- esponent jixtieq iżid illi s-servizzi tad-dawl, tal-ilma u tad-dranaġġ huma mgħoddija.

## 4. LEĠIŻLAZZJONI

L-esponent Perit Tekniku għamel riċerka fl-arkivji tal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ġie stabilit li l-blokka li tifforma parti minnha l-proprjeta inkwestjoni hija koperta bil-permess tal-bini numru PAPB/0077/89.

Il-post inkwistjoni huwa suġġett għall-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-kuntratt tal- 11 ta' Lulju 1992, fl-*atti* tan-Nutar Dottor Herbert Cassar, li kopja tiegħu qed tiġi hawn mhemuża u mmarkata bħala Dok L.

## 5. STIMA TAL-FOND

Wara li għamel dak kollu li titlob l-Arti, b'konsiderazzjoni tal-punti hawn fuq imsemmija u kif ukoll il-valur tal-propjeta fil-preżent, l-esponent qiegħed jistma l-valur tal-fond; appartament internament immarkat bin-numru erba (4), formanti minn blokk, bla numru, u bl-isem 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, ġewwa Marsaskala, bis-somma ta' **mitejn u għoxrin elf Euro (€220,000)**. Daqstant għandu l-unur x'jirrelata l-esponent Perit Tekniku għas-savju konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

RCV ARCHITECTS
Perit Robert C. Vella
126/3, Independence Avenue, Mosta MST 9024
robertvella@rcvarchitects.mt
+356 9980 ...

**Perit Robert C. Vella**
126/3, Independence Avenue,
Mosta, MST9024

Data: 14 ta' Diċembru, 2022

Illum, 21 ta' April 2023
Ismu il-Perit Legali / Tekniku: Robert C. Vella
Li wara li ddikjara li thallas l-ammont lilu dovut halef/halfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu moghti lilu/ha.
Deputat Registratur

Rose Marie Vella
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)
Ippreżentata mill-...
Bħala dok ... dokumenti

Dokumenti mhemuża ma' din ir-relazzjoni:-

| | |
|---|---|
| Dok A: | Kopja tal-ħatra tal-esponent Perit Tekniku bħala espert |
| Dok B: | Notifika ta' Aċċess |
| Dok C: | Notifika ta' Aċċess |
| Dok D: | Kopja tal-komunika |
| Dok E: | Kopja tal-komunika (28 ta' Settembru, 2022) |
| Dok F: | Notifika ta' Aċċess (02 ta' Novembru, 2022) |
| Dok G: | Notifika ta' Aċċess (02 ta' Novembru, 2022) |
| Dok H: | Site Plan |
| Dok I: | Ritratt tal-Faċċata |
| Dok J: | Pjanta tal-Post |
| Dok K: | Rekord Fotografiku |
| Dok L: | Kopja tal-kuntratt tal- 11 ta' Lulju 1992, fl *atti* tan-Nutar Dottor Herbert Cassar. |
| Dok M: | It-Tmien Skeda |
| Dok N: | Pjanta reġistrata tal-artijiet |

Dok A

**Fil-Prim Awla' tal-Qorti Ċivili**

**Fl-Atti tas-Subbasta Nru.40/22**

**BNF Bank plc gja' Banif Bank Malta plc**

**Vs**

**Michael Aguis et**

Lill: Perit Robert Vella

Inti mgħarraf illi gejt maħtur bħala espert fl-atti tal-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeg Immobbli hawn fuq imsemmi sabiex taghmel deskrizzjoni tal-fond jew fondi indikat fir-rikors promotur u sabiex tfisser il-pizijiet, kirjiet u jeddiet ohra, sew reali kemm personali, jekk ikun hemm, li ghalihom dan il-fond jew fondi ikun suggett kif ukoll l-aħħar trasferiment tiegħu, skond l-informazzjoni li jkun ha mill-kreditur jew mid-debitur.

Inti mitlub sabiex tiġi tiġbor l-inkartament relattiv mil-1 ta' Awwissu 'l quddiem filwaqt illi mgharraf illi ghandek sal-1 ta' Ottubru, 2022 sabiex tipprezenta r-rapport dettaljat tieghek.

Marvic Farrugia
Deputat Registratur

Dok B

Il-Ġimgħa, 19 ta' Awissu, 2022

**FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**Subbasta 40/22**
BNF Bank p.l.c.
vs
Michael Aguis et

**BIL-POSTA**

**NOTIFIKA TA' AĊĊESS**

Bħala l-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti Ċivili ta' Malta b'digriet sabiex nagħmel stima tal-fondi mertu ta'dan il-bejgħ b'subbasta, qiegħed navżak illi ser isir aċċess hekk kif indikat:

**DATA: Is-Sibt, 27 ta' Awissu, 2022**

**ĦIN: 09:00am (disgħa ta' filgħodu)**

**POST: Flat Numru 4, Formanti parti mill-blokk bini bla numru bl-isem ta' 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala, Malta.**

Nitolbkom tavżaw lill-avukat taghkom u tikkuntattjani fuq in-numri hawn taħt imsemmija, bil-posta jew b-ittra eletronika qabel id-data tal-aċċess.

Perit Robert C. Vella

Esponenti: BNF Bank plc,
203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira.

Intimati: Michael Aguis et
Flat 4, Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala.

Dok C

Il-Ġimgħa, 19 ta' Awissu, 2022

**FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**Subbasta 40/22**
BNF Bank p.l.c.
vs
Michael Aguis et

**BIL-POSTA**

**NOTIFIKA TA' AĊĊESS**

Bħala l-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti Ċivili ta' Malta b'digriet sabiex nagħmel stima tal-fondi mertu ta'dan il-bejgħ b'subbasta, qiegħed navżak illi ser isir aċċess hekk kif indikat:

**DATA:** **Is-Sibt, 27 ta' Awissu, 2022**

**ĦIN:** **09:00am (disgħa ta' filgħodu)**

**POST:** **Flat Numru 4, Formanti parti mill-blokk bini bla numru bl-isem ta' 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala, Malta.**

Nitolbkom tavżaw lill-avukat tagħkom u tikkuntattjani fuq in-numri hawn taħt imsemmija, bil-posta jew b-ittra eletronika qabel id-data tal-aċċess.

REGISTERED MAIL
RR432885936MT
Sent to: M.AGIUS
ZABBAR
AUG 2022

Perit Robert C. Vella

Esponenti: BNF Bank plc,
203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira.

Intimati: Michael Aguis et
275, Chamoniard, Triq M'Scala, Ħaż-Żabbar.

**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

Fl-atti tas-Subbasta Nru. 40/22

BNF Bank plc gja' Banif Bank Malta plc

vs

Michael Aguis et

Rikors tal-Perit Arkitett Robert C. Vella

Bhala espert maħtur mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, b'referenza għas-subbasta Nru. 40/22 biex nagħmel valutazzjoni tal-post bl-indirizz 'Flat internament immarkat bin-numru erba (4), formanti minn blokk bla numru, u bl-isem 'Verviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala, nixtieq nesponi bir-rispett dan li ġej:

Fl- 22 ta' Awissu 2022 l-esponent bagħat żewġ ittri, waħda fuq l-indirizz imsemmi hawn fuq u kif ukoll waħda reġistrata fuq 275, Chamoniard, Triq Wied il-Ghajn, Haż-Żabbar, li ġiet rritornat lura, biex jinnotifika lis-sidien Michael Aguis li ser ikun qijad jagħmel aċċess fill-propjeta inkwestjoni fil-27 ta' Awissu 2022 fid- 09:00 ta' filgħodu. Fil 27 ta' Awissu 2022 l-esponent mar fuq il-post biex jagħmel l-aċċess fid-09:00 ta' filgħodu, iżda l-propjeta inkwestjoni ma' kinietx okkupata fid-data u l-ħin ta' li-spezzjoni. Il-qorti ġiet infurmata b'dan fit-12 ta' Settembru 2022 permezz ta' email.

Ghaldaqstant, l-esponent qiegħed jintavola tali rikors sabiex jitlob bir-rispett lill-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li testendi t-terminu meta huwa ghandu jipprezenta r-rapport tieghu, taghti dawk l-ordnijiet necessarji u tidderiegi lill-esponent sabiex isir tali access necessarju sabiex jithejja l-istess rapport in kwistjoni, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

RCV ARCHITECTS
Perit Robert C. Vella
126/3, Independence Avenue, Mosta MST 9024
robertvella@rcvarchitects.mt
+356 9980 4481

Perit Arkittett Robert C. Vella
126/3, Independence Avenue, Mosta, MST 9024

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti LL.D.**

**Fl-Atti tas-Subbasta- 40/22**

**Bnf Bank plc gja' Banif Bank Malta plc**

**Vs**

**Michael Aguis et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Perit Vella tas-26 ta' Settembru, 2022.

Tilqa' t-talba u tordna li l-access isir bi sgass bl-ghajnuna ta' Marixxal u pulizija wara li l-partijitet ikunu avzati b'ittra dwar id- data u hin tal-access.

Testendi t-terminu ghal prezentata tar-rapport sal-ahhar ta' Dicembru, 2022.

Illum, 28 ta' Settembru, 2022

Marvic Farrugia
Deputat Registratur

Dok F

Wednesday 2nd November 2022

**FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**Subbasta 40/22**
BNF Bank p.l.c.
vs
Michael Aguis et

**BY POST**

**NOTIFICATION OF ACCESS**

As the Technical Architect appointed by the Civil Court of Malta by decree in order to make an estimate of the merit funds of this auction sale, I am informing you that access will be made as indicated:

**DATE:** **Wednesday 9th November 2022**

**TIME:** **18:00pm (six in the evening)**

**PLACE:** **Flat Numru 4, Formanti parti mill-blokk bini bla numru bl-isem ta' 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala, Malta.**

I ask you to notify your lawyer and contact me on the numbers below mentioned, by post or by e-mail before the access date.

REGISTERED MAIL
RR434510176MT
Sent to: Michael Agius M'Scala
03 NOV

Perit Robert C. Vella

Exponents: BNF Bank plc,
203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira.

Respondents: Michael Aguis et
Flat 4, Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala.

Dok G

Wednesday 2nd November 2022

**FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**Subbasta 40/22**
BNF Bank p.l.c.
vs
Michael Aguis et

**BY POST**

**NOTIFICATION OF ACCESS**

As the Technical Architect appointed by the Civil Court of Malta by decree in order to make an estimate of the merit funds of this auction sale, I am informing you that access will be made as indicated:

**DATE:** **Wednesday 9th November 2022**

**TIME:** **18:00pm (six in the evening)**

**PLACE:** **Flat Numru 4, Formanti parti mill-blokk bini bla numru bl-isem ta' 'Cerviola Flats', fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala, Malta.**

I ask you to notify your lawyer and contact me on the numbers below mentioned, by post or by e-mail before the access date.

Perit Robert C. Vella

Exponents: BNF Bank plc,
203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira.

Respondents: Michael Aguis et
275, Chamoniard, Triq M'Scala, Ħaż-Żabbar.

**Site Plan – Flat 4, Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala**



**Ritratt tal-faċċata – Flat 4, Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala**



Dok J

TRIQ PATRI WISTIN BORN




SECOND FLOOR - as existing
*SCALE 1:100*

GROUND FLOOR - as existing
*SCALE 1:100*

| legend:- | |
|---|---|
| CL=0.000 | Floor to ceiling height in meters |

General Note:

- This sketch is for valuation purposes only
- All dimensions are in meters unless specified otherwise




| Project. | Drawing Title. | | File Ref. |
|---|---|---|---|
| Property: Apartment 4, 'Cerviola Flats', Triq Patri Wistin Born, – Marsascala – | Layout Plan | | RCV – 3011/22 |
| | Drawing No. 01 | Rev. --- | Date. 30/11/22 |
| | Drawn by. NF | Scale. 1:100 | Paper. A4 |

**Rekord Fotografiku Intern**



























[illegible] (11-7-1992.

Quddiemi Nutar Dottor Herbert Cassar. qieghdin jidhru personalment.

Minn naha l-wahda.

[illegible] 561044 [illegible]

li qieghed jidher ghan-nom u fl-interess tal-Lohombus Corporation Limited. kif debitament awtorizzat fil-kwalita tieghu ta' Manager fl'istess Corporation. aktar l-isfel imsejjah l-Corporation.

U minn naha l-ohra.

Il-Perit Carmel sive Charles Mangion. bin Joseph u Jane nee Muscat. imwieled iz-Zejtun u joqghod Haz-Zabbar. karta tal-identita numru 868049(M) li qieghed jidher fuq dana l-att f' ismu proprio u f' isem u bhala mandatarju / ~~verbali~~ z ta' hutu mill-istess genituri John. impjegat mal-Water Works. Gaetano electrician. Alfred electrician. u Francoise electrician.

imwieldin iz-Zejtun u jogghodu John San Gwann u Gaetano Senglea, Alfred Penbroke, limiti ta' San Giljan u Francoise iz-Zejtun, kif ukoll f' isem missieru Joseph Mangion, pensjonant, bin il-mejtin Giovanni u Caterina nee Bonnici, imwieled u jogghod iz-Zejtun, kif ukoll f' isem Andrew Vella, impjegat id-Drydocks, bin Giuseppe u Maria nee Caruana, imwieled Hal-Luqa u jogghod iz-Zejtun, debitament awtorizzat ghall-effett infraskritt in forza ta' skrittura privata hawn taht annessa markata dokument "A", hawn taht imsejjah il-venditur proprjo et nomine.

Michael Agius, chargeman il-Malta Drydocks, bin il-mejjet Emanuel u Maria nee Vella, imwieled u jogghod Haz-Zabbar, karta tal-identita numru [illegible], hawn taht imsejjah il-klijent jew ix-xerrej.

Minni Nutar identifikati.

Bis-sahha ta dana l-att il-Corporation qieghdha taghti b'titolu ta' self lill-klijent li qieghed jaccetta s-somma ta' sitt elef lira (Lm6000), aktar l-isfel imsejha "is-somma mislufa" u dan in kwantu ghas-somma ta' erbat elef u tmin liri (Lm4008) biex l-istess klijent ikun jista jixtri l-fond f' Marsascala hawn taht

deskritt. liema somma l-klijent qieghed jiddelega lil Corporation li taccetta sabiex thallasha lil venditur proprio et nomine bhala parti mill-prezz tal-fond hawn taht deskritt,u in kwantu ghas-somma ta' elf disgha mija tnejn u disghin lira (Lm1992) biex l-istess klijent ikun jista jutilizzaha f' xoghol ta' kostruzzjoni fil-proprieta f' Marsascala deskritta aktar l-isfel f' dan il-kuntratt. liema somma mislufa l-istess klijent jiddelega lill-Corporation li taccetta li thallasha ghal xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond hawn taht deskritt fid-diskrezzjoni assoluta taghha b' mod li tikkonserva favur taghha l-privilegg specjali moghti lilha bil-ligi skond kif jghid is-sezzjoni elfejn u ghaxra (2010) tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-ligijiet ta' Malta.

Bhala garanzija tal-osservanza tal-kondizzjonijiet ta' dan il-kuntratt u partikolarment tal-pagament lura tas-somma mislufa lill-klijent u tal-interessi li jkunu jiddekorru fugha, kif ukoll ta spejjes ohra li jkunu maghmula mill-Corporation, il-klijent qieghed jaghti lill-istess Corporation li taccetta ipoteka generali fug

hwejjeu kollha presenti u futuri kif ukoll ipoteka specjali u privileg specjali fuq il-flat numru erba (4) formanti parti min Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala, hawn taht ahjar deskritt, u dan minbarra xi garanziji ohra li jistghu jiftiehmu l-partijiet minn zmien ghal zmien.

Il-Corporation u l-klijent qieghdin jiftiehmu illi dan is-self u l-garanziji fuq miftiehma ghandhom jigu regolati b'dawk il-kondizzjonijiet, inkluz tal-hlas lura, kif gia notifikati jew li jigu notifikati bil-miktub minn zmien ghal zmien mill-Corporation u accettati mill-klijent, b'dana illi l-kondizzjonijiet hawn taht imsemmija ghandhom jitqiesu bhala l-kondizzjonijiet prevalenti u cioe:

1) ir-rata tal-interessi m'ghandiex teccedi l-oghola rata li tippermetti l-ligi; l-interessi ghandhom ikunu dovuti mill-klijent fuq il-bilanc ta' kuljum tad-debitu skond il-prattika bankarja, liema rata tal-interessi ghandha tigi ffisata mill-Corporation fid-diskrezzjoni assoluta tal-istess Corporation minn zmien ghal zmien.

2)Fil-kaz li xi kondizzjoni-

jiet kemm presenti u kemm futuri ta' dan il-kuntratt ma jigux osservati mill-klijent, il-Corporation ikollha l-jedd li titlob is-somma kollha li tkun ghadha ma gietx mhallsa, b'dan pero illi l-Corporation ghandha taghti hmistax (15) il-gurnata zmien mid-data li l-istess klijent jircievi ittra gudizzjarja li twittbu min-nuqqas u titolbu biex jirregolarizza n-nuqqas tieghu. Wara li jghaddu l-imsemmija hmistax il-jum is-somma kollha li tkun ghadha ma thallsitx issir restitwibbli minnufih ukoll fuq domanda semplici bil-miktub mill-Corporation.

Qieghed jigi ukoll miftiehem illi kwalunkwe spejjes u drittijiet in konnesjoni ma dan il-kuntratt ghandhom jigu mhallsa mill-klijent li jobbliga ruhu ukoll li jhallas lura lil Corporation l-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes legali u spejjes ohra amministrattivi maghmula biex jigu aggornati minn zmien ghal zmien ir-ricerki dwar il-passivita u t-trasferimenti tal-istess klijent kif ukoll biex jinzammu regolari u tajba d-drittijiet u garanziji inkluzi ukoll policies ta'Insurance/Assurance tal-Corporation ghas-sodisfazzjon tal-istess Corporation u dana dejjem fid-diskrezzjoni

assoluta taghha.

Barra min hekk il-klijent qieghed jawtorizza l-Corporation sabiex taghmel u/jew issegwi kull applikazzjoni mehtieqa mar-Registru tal-artijiet u sabiex tottjeni r-registrazzjoni tal-art in kwistjoni fl-eventwalita li l-art tigi dikjarata area ta' registrazzjoni, jew jekk ikun jidrilha li hekk huwa opportun jew mehtieg u dan a spejjes tal-klijent. Qieghed jigi ukoll miftiehem li l-Corporation ikollha d-dritt izzomm f'idejha c-certifikat tal-art u c-certifikat ta' ipoteka jew ta' ipoteka kawzjonali sal-hlas ghas-saldu ta' dan is-self.

Fl-ahhar nett il-klijent jintrabat li jinforma lill-Corporation immedjatament kif jitlestew ix-xogholijiet fuq il-fond u jintrabat li jidher fuq kuntratt Notarili li bih jigi ikkonservat favur il-Corporation il-privilegg specjali skond il-ligi fid-diskrezzjoni assoluta tal-Corporation.

Fit-tieni lok in forza ta' dana l-att il-venditur proprio et nomine qieghed ibiegh, jassenja u jittrasferixxi lix-xerrej li jaccetta jixtri u jakkwista l-

flat internament markat bin-numru erba (4) formanti parti mill-blokk bini bla numru bl-isem ta' Cerviola Flats, fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala, liema flat jinsab fis-"Second floor" u jinsab sovvrappost ghal flat numru tnejn (2) li da parti tieghu jinsab sovvrappost ghal zewg garages, soggett ghac-cens perpetwu ta' hmistax il-lira u sebghin centesmi (Lm15.70c) fis-sena, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha, inkluza l-kommunjoni tal-proprieta flimkien mat-tlett flats l-ohra fl-istess blokk tal-entratura, tromba tat-tarag, tat-tarag u bil-propreita esklusiva ta' parti diviza tal-bejt, u cioe dik il-parti li tinsab fuq il-bedroom li thares fuq it-triq u li tmiss ponent ma' Triq Patri Wistin Born, [illegible] [illegible] [illegible] Pietru Camilleri [illegible], u [illegible] ma' beni tal-[illegible] [illegible].

kif ukoll parti diviza ohra li tinsab fuq parti mill-kcina u parti mill-kamra tas-sodda fuq il-parti ta' wara, tmiss din il-parti diviza tal-bejt [illegible] ma' beni tal-[illegible]

[illegible]

kif ukoll il-washroom li tinsab fuq il-bejt. u dan fl-istat inkomplut li jinsab fih illium, cioe minghajr bathroom u l-plumbing u bla bieb ta' barra, bla biebien interni u bil-partijiet komuni lesti.

Is-sistema tad-drains u dreangg hija in komun mal-flat sottopost u wiehed mil-garages sottoposti.

Ix-xerrej la jhallas u langas jithallas tal-appoggi.

Ir-road contribution u d-drenagg jinsabu imhallsin.

Il-kommunikazzjoni tas-sistema tad-drains u dreangg mal-main sewer issir mix-xerrej flimkien mas-sidien mal-flat u l-garage sottoposti.

Fil-kaz ta' hsara jew sadd fis-sistema tad-drians u drenagg ix-xerrej ikollu dritt jidhol fil-garage sottopost biex isewwi l-hsara u jqiegħed kollox kif kien a

# EIGHTH SCHEDULE

## PHYSICAL ATTRIBUTES OF IMMOVABLE PROPERTY

| | |
|---|---|
| **Locality** | Marsascala |
| **Address** | Flat 4, Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala, Malta. |
| **Total Footprint of Area Transferred *** | 91m² |

## TICK WHERE APPLICABLE *(Tick one box in each case except where indicated otherwise)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Type of Property** | ☐ Villa<br>☐ Penthouse<br>☐ Terraced House | ☐ Semi-Detached<br>☐ Mezzanine<br>☐ Ground Floor Tenement | ☐ Bungalow<br>☐ Maisonette | ☑ Flat/Apartment<br>☐ Farmhouse |
| **Age of Premises** | ☐ 0-20 years | ☑ Over 20 years | ☐ Pre WWII | |
| **Surroundings** | ☐ Sea View | ☐ Country View | ☑ Urban | |
| **Environment** | ☑ Quiet | ☐ Traffic | ☐ Entertainment | ☐ Industrial |
| **State of Construction** | ☐ Shell | ☐ Semi-Finished** | ☑ Finished*** | |
| **Level of Finishes** | ☑ Good | ☐ Adequate | ☐ Poor | |
| **Amenities** Tick as many as appropriate | ☐ With Garden<br>☑ No Garage | ☐ With Pool<br>☐ One car Garage | ☐ With Lift<br>☐ Two Car Garage | ☐ With Basement<br>☐ Multi Car Garage |
| **Airspace** | ☐ Ownership of Roof | ☐ No Ownership of Roof | ☑ Shared Ownership | |

* Includes all lands and gardens but excludes additional floors, roofs and washrooms
*** Includes ** plus bathrooms and apertures
** Includes plastering, electricity, plumbing and floor tiles

Date: 27/12/2022

Perit's Signature: [signature]

Warrant Number: 741

Rubber Stamp:

RCV ARCHITECTS
Perit Robert C. Vella
~~126/3, Independence Avenue, Mosta~~ MST 9024
robertvella@rcvarchitects.mt
~~+356 9980 4481~~

See the Office's Data Protection Policy on cfr.gov.mt

www.cfr.gov.mt

Distance to nearest corner 8.65m

Flat 4, Cerviola Flats, Triq Patri Wistin Born, Marsascala.

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m




Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

***Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet*** ***Land Registration Agency***

*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta* *116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* **287887 M** | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 60845** **y = 68834** | Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **6068** | Data: *Date:* **26/12/2022** |

Perit:
*Architect:*

Timbru tal-Perit: RCV ARCHITECTS
*Architect's Stamp:* Perit Robert C. Vella
126/3, Independence Avenue, Mosta MST 9024
robertvella@rcvarchitects.mt
+356 9980 4481

Qies (metri kwadri): Footprint Gross External Area
*Area (square metres):* Ownership [A]: Circa 91m²
Common Parts [B]: Circa 11.2m²
Common Parts [C]: Circa 14.1m²
Common Parts [D]: Circa 3m²

Firma ta' l-Applikant:
*Applicant's Signature:*

LR 289426

Dritt imħallas
*Fee Paid*

AIC Perit Robert C. Vella - DRITT U SPEJJEZ

| Vat No : MT 2099 6105 | Mob : 9980 4481 | | email : robertvella@rcvarchitects.mt |
|---|---|---|---|
| Subbasta. Nru. | 40/2022 | DIFFERIMENT | 31/12/2022 |
| FL-ISMIJIET | BNF Bank plc gja' Banif Bank Malta plc vs Michael Agius et | | |
| DRITT | RATA (€) | NUMRU | TOTAL (€) |
| Valutazzjoni | 0.003 | 220,000 | 660.00 |
| Opinjonijiet - Punti Trattati | 116.47 | | 0.00 |
| Opinjonijiet - Danni/Kumpens | 232.94 | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 5% | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 2% | | 0.00 |
| | | | 660.00 |
| Skond LEGAL NOTICE 402 ta' 2021 - TOTAL DRITTIJIET | | | 500.00 |
| SPEJJEZ | RATA (€) | NUMRU | TOTAL (€) |
| Access | 35.00 | 3 | 105.00 |
| Tragitt | 15.75 | | 0.00 |
| Pjanta A4 | 58.23 | 1 | 58.23 |
| Pjanta A3 | 116.47 | | 0.00 |
| Pjanta A2 | 232.94 | | 0.00 |
| Pjanta A1 | 465.88 | | 0.00 |
| Trasport | 6.99 | 3 | 20.97 |
| Typing Relazzjoni | 0.70 | 7 | 4.90 |
| Kopji Relazzjoni | 0.23 | 29 | 6.67 |
| Traskrizzjoni Verbali | 0.70 | | 0.00 |
| Pjanta Registrata ta l -Artijiet | 6.00 | 1 | 6.00 |
| Xoghol relatat mal pjanta Registrata tal-Artijiet | 50.00 | 1 | 50.00 |
| It-Tmien Skeda | | 1 | |
| Sgass | 7.00 | 2 | 14.00 |
| Notifiki | 1.16 | 4 | 4.64 |
| Ritratti | 1.16 | 17 | 19.72 |
| TOTAL SPEJJEZ | | | 290.13 |
| TOTAL DRITT U SPEJJEZ | | | 790.13 |
| | | | |
| TOTAL DOVUT | | | 790.13 |

RCV ARCHITECTS
Perit Robert C. Vella
126/3, Independence Avenue, Mosta MST 9024
robertvella@rcvarchitects.mt
+356 9980 4481

**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

Fl-atti tas-Subbasta Nru. 40/22

BNF Bank plc gja' Banif Bank Malta plc

vs

Michael Aguis et

2 6 JUL 2023

3329

Nota ~~Rikors~~ tal-Perit Arkitett Robert C. Vella

**RIPOSTA TAL-ESPERT TEKNIKU MEMBRU TAL-BORD IL-PERIT ROBERT VELLA**

B'rispett niddikjara li:

1. L-appartament huwa soġġett għaċ-ċens perpetwu ta' hmistax il-lira u sebgħin ċentesmi (Lm15.70c) fis-sena. equivalenti għal Euro 36.57
2. L-appartament għandu d-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha inkluża l-kommunjoni tal-propjeta flimkien mat-tlett flats l-oħra fl-istess blokk tal-entratura.
3. L-propjeta' esklussiva ta' parti divisa tal-bejt.
4. Is-sistema tad-drains u drenaġġ hija in komun mal-flat sottopost u wieħed mil-garages sottoposti. Fil-kaz ta' ħsara jew sadd fis-sistema tad-drains u drenaġġ ix-xerrej ikollu dritt jidħol fil-garage sottopost biex isewwi l-ħsara u jqiegħed kollox kif kien.
5. B'referenza għal primo rikors u hekk kif inhu mniżżel fil kuntratt il-blokk m'għandux numru.

L-esponent għandu tant x'jissottometti

RCV ARCHITECTS
Perit Robert C. Vella
126/3, Independence Avenue, Mosta MST 9024
robertvella@rcvarchitects.mt
+356 9980 4481

Perit Arkitett Robert C. Vella

Illum 27 ta' Lulju 2023
Deher il-Perit Legali/Tekniku: Robert Vella
Li wara li ddikjara li thallas l-ammont lilu dovut, ħalef/ħalfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu mogħti lilu/ha.

Deputat Registratur

26 JUL 2023

Perit Robert C Vella